

Brussell, 30 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10078/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0005 (NLE)**

**POLCOM 208
WTO 68
AGRI 452
PECHE 216**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar it-talba tal-Istati Uniti għal eżenzjoni tad-WTO biex jiġi estiż il-programm tal-AGOA u dwar l-inkorporazzjoni tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment għall-Iżvilupp fl-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO - Adozzjoni

1. Fl-20 ta' Jannar 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-14-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (dok. 5537/26).
2. Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati u Membri Sħaħ) eżamina din il-proposta f'diversi laqgħat bejn Jannar u Marzu 2026. Fit-12 ta' Marzu 2026, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Membri Sħaħ) approva t-test tal-proposta b'għadd ta' modifiki, bil-fehim li dan ikollu jiġi adattat skont l-eżiti tal-14-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("MC14"), skedata bejn is-26 u d-29 ta' Marzu 2026 f'Yaoundé.

3. Fit-13 ta' Marzu 2026, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 5539/26, u kkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test, bil-fehim li dan ikollu jiġi adattat skont l-eżiti tal-MC14. Il-Kunsill Affarijiet Barranin (Kummerċ) iddiskuta l-progress li sar fin-negozjati tal-MC14 u l-eżiti possibbli fil-laqgħa tiegħu bejn is-26 u d-29 ta' Marzu 2026 f'Yaoundé. Meta wieħed iqis li ma kien hemm l-ebda eżitu tal-MC14 b'effetti legali, l-abbozz ta' Deċiżjoni ma tressaqx għall-vot fil-Kunsill.
4. Kif inhuma l-affarijiet bħalissa, jidher possibbli li żewġ elementi koperti mill-abbozz ta' Deċiżjoni jistgħu jiġu adottati fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Ġenerali tad-WTO li ser issir bejn l-14 u l-15 ta' Lulju 2026. Filwaqt li l-adozzjoni tat-talba tal-Istati Uniti għal eżenzjoni tad-WTO biex jiġi estiż il-programm AGOA tidher pjuttost probabbli, dan huwa inqas ċert fir-rigward tal-inkorporazzjoni tal-Ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-investment għall-iżvilupp fl-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO.
5. F'dan l-isfond, il-Presidenza pproponiet li tadatta t-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni msemmi hawn fuq sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tingħaqad mal-kunsens fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Ġenerali tad-WTO jew fi kwalunkwe laqgħa tal-Kunsill Ġenerali qabel il-Konferenza Ministerjali tad-WTO li jmiss.
6. Fl-4 ta' Ġunju 2026, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) eżamina u approva l-proposta. Il-Kummissjoni appoġġat ukoll il-proposta tal-Presidenza.

7. Għaldaqstant, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill mistieden:

- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 10076/26; u
 - jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament.
-